VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,972, 9 ta' Diċembru, 2022
Taqsima B

A.L. 336 tal-2022

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru responsabbli għat-trasport, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S.499.68.
L.S. 65.33.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jestendi l-perjodu ta' żmien impost minn dawn ir-regolamenti fuq l-operaturi sabiex jimmodernizzaw il-flotot ta' vetturi li diġà huma liċenzjati għall-ġarr ta' passiġġieri jew vetturi bil-mutur għall-kiri, skont il-każ, minn Settembru 2022 għal Settembru 2024.

Jemenda r-regolament 59 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (3) tar-regolament 59 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel proviso tiegħu, il-kelma u n-numru "sentejn (2)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem u n-numru "erbgħa (4) snin"; u

(b) fit-tieni proviso tiegħu, il-kelma u n-numru "tnax-il (12)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem u n-numru "tmienja u erbgħin (48)".

Jemenda r-regolament 60 tar-regolamenti prinċipali.

3. Is-subregolament (1) tar-regolament 60 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel proviso għas-subparagrafu (ii) tal-ewwel proviso tal-paragrafu (b) tiegħu, il-kelma u n-numru "sentejn (2)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem u n-numru "erbgħa (4) snin"; u

(b) fit-tieni proviso għas-subparagrafu (ii) tal-ewwel proviso tal-paragrafu (b) tiegħu, il-kelma u n-numru "tnax-il (12)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem u n-numru "tmienja u erbgħin (48)".